MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 219/1994/1

**Joseph Vella.**

**Vs**

**Victor Abela u ommu Maria Abela u Emmanuela Attard u Joseph Attard (Senior) u Joseph Attard (Junior) ghal- kull interess li jista jkollhom u l-Kummissarju tal-Artijiet ghal-kull interess li jista jkollu**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat **ic-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi jidditjeni b'titolu ta' qbiela porzjoni raba maghrufa bhala tal-Hofra ta Qasam Barrani liema qbiela tikkomprendi d-dritt li l-attur jiehu ilma minn spiera u juza giebja li jifformaw parti mill-istess raba.

Premess illi l-konvenuti jew min minnhom qed jahdmu partijiet ohra tal-istess raba u mhux qed ihallu lill-attur li jiehu l-ilma mill-imsemmija spera u giebja.

Premess illi l-konvenuti interpellati sabiex jaslu fi ftehim bonarju dwar l-uzu tal-ilma baqghu inadempjenti,

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

tistabilixxi l-granet, hinijiet u modalita ta' kif u meta l-attur ghandu juza u jgawdi l-imsemmija spiera u giebja u jiehu ilma minnhom kompriz id-dritt ta' uzu u tgawdija tal-kanali u passaggi li jservu ghal dan l-iskop.

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jottempraw ruhhom ma dak li jigi ordnat fl-ewwel talba u jaghmlu dak kollu li huwa necessarju u opportun sabiex ikun jista' jigi attwat li dak li jigi deciz fl-ewwel talba u tinibihom milli b'xi'mod ifixklu lill-attur fl-uzu u tgawdija hekk stabbilit.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti komprizi dawk tal- ittra ufficjali tal-5 ta' Jannar, 1994 u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3;

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet** tal-konvenuti Victor Abela u Maria Abela a fol. 7 fejn eccepew:

Illi t-talbiet attrici in quanto diretti kontrihom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huma ma ghandhom ebda rapport giuridiku ma' l-istess attur dwar l-ilma mertu tal-kontestazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in**-nota tal-eccezzjonijiet** tal-konvenut Joseph Attard (Junior) a fol 10 fejn eccepixxa:

Illi huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni kwalsiasi ma l-attur f'din il-kawza;

Illi l-ilma in kwistjoni kien dejjem fil-pussess tal-konvenut u ghalhekk huwa ma ghandu x'jaqsam xejn f'dan l-ilma mal-attur u t-talbiet tal-attur dwar l-istess huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat i**n-nota tal-eccezzjonijiet** tal-konvenuta Emanuela Attard a fol 13 fejn eccepiet:

Illi d-drittijiet li hemm fuq ir-raba in kwistjoni huma taghha bhala wirt mill-genituri taghha, bl-istess mod kif inhu l-attur, u da parti taghha m'ghandha l-ebda oggezzjoni li ssir il-qasam skond il-haqq u s-sewwa.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet** tal-Kummissarju ta' l-Artijiet a fol. 17 fejn eccepixxa:

Illi l-eccipjent jirrimetti ruhu f'idejn din il-Qorti.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet** ta' Joseph Attard (Senior) a fol. 21 fejn eccepixxa:

Illi huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni kwalsiasi ma l-attur f'din il-kawza;

Illi l-ilma in kwistjoni kien dejjem fil-pussess tal-konvenut u issa ta' ibnu u ghalhekk huwa ma ghandu x'jaqsam xejn f'dan l-ilma ma l-attur u t-talbiet tal-attur dwar l-istess huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat in-nomina tal-Perit Rene Buttigieg a fol 199 permezz tas-sentenza tal-24 ta’ Novembru 1997;

Rat in-nomina tal-Perit Alan Saliba a fol 175 minflok il-Perit Buttigieg;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saru ebda noti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi f'dina l-kawza kienet inghatat sentenza preliminari fl-24 ta' Novembru 1997 fol 191 li biha dina l-Qorti kienet laqghet l-ewwel talba ta' l-attur u nnominat lill Perit Buttigieg biex jissuggerixxi pjan ta' qsim kif kellha tintuza l-ispiera u l-giebja. Kien sar appell minn dina s-sentenza mill-konvenuti Joseph Attard (Senior u Junior) waqt li l-konvenuti l-ohrajn ma appellawx u fir-rigward taghhom is-sentenza appellata kienet tifforma gudikat.

Il-Qorti ta' l-Appell kienet ikkonfermat is-sentenza appellata u l-process kien intbaghat lura lill dina l-Qorti biex il-perit Buttigieg jirrelata fuq l-inkarigu lilu moghti. Gara pero' li l-process ma nstabx u ghalhekk il-process kellu jerga jigi rikostruwit u fil-fatt il-process prezenti huwa wiehed rikostruwit.

Il-Perit Buttigieg kien gie sostwit bil-perit Alan Saliba li pero' ma zamm ebda seduti u ma giet prezentata ebda relazzjoni. Fil-frattemp il-partijiet, eccetto Joseph Attard (senior u junior) waslu ghal ftehim kif kellha ssir il-qasma, ara Dok a fol 212.

Illi dina l-kawza ghalhekk tista' tigi deciza a bazi ta' dana l-ftehim billi fil-frattemp Emmanuela Attard, illum Vella, isseparat minn zewgha Joseph Attard (senior) u l-ghalqa nkwistjoni (li kienet wirt tal-genituri taghha) giet tmiss lilha skond kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta' Dicembru 2000 (ara xhieda taghha a fol 213). Joseph Attard kien jahdem l-ghalqa li kienet ta' martu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur
u tordna li l-uzu li ghandu jsir mill-ispiera u giebja jsir skond il-ftehim milhuq a fol. 212 tal-process, liema ftehim ghandu jifforma parti integrali minn dina s-sentenza;
Spejjez fic-cirkostanzi ghal konvenuti Joseph Attard (Senior u Junior) stante li kienet l-oppozzjoni taghhom li wasslet biex l-attur kellu jipprocedi b'din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------